

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

### IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Talba għal opinjoni mressqa mir-Renju tal-Belġu skont l-Artikolu 218(11) TFUE

(Opinjoni 1/17)

(2017/C 369/02)

Lingwa tal-proċedura: il-lingwi uffiċjali kollha

#### Talba mressqa minn

Ir-Renju tal-Belġu (rappreżentanti: C. Pochet, L. Van den Broeck u M. Jacobs, aġenti)

#### Domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmsat fi Brussell fit-30 ta' Ottubru 2016, huwa, fil-Kapitolu Tmienja tiegħu ("Investiment"), Taqṣima F ("Riżoluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment bejn l-investituri u l-istati"), kompatibbli mat-Trattati, inklużi d-drittijiet fundamentali?

---

Appell ippreżzentat fis-26 ta' April 2017 minn Natural Instinct Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (Il-Ħames Awla) fil-15 ta' Frar 2017 fil-Kawża T-30/16: M. I. Industries vs EUIPO – Natural Instinct

(Kawża C-218/17 P)

(2017/C 369/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Appellant: Natural Instinct Ltd (rappreżentanti: C. Spintig, avukat, S. Pietzcker, avukat, B. Brandreth, Barrister)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, M. I. Industries, Inc.

B'digriet tas-7 ta' Settembru 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ddeċidiet li l-appell kien inammissibbi.